**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4/24

21 ta' Frar 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**4.24.1** **Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

4.24.1.1 Ma kellniex.

**4.24.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti**

4.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 1.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

4.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sur Vincent Bongailas u sekondati mis-Sa Maria Sultana l-minuti ta' seduta 1.24 ġew approvati unanimament.

4.24.2.3 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**4.24.3** **Punti mill-Minuti Preċedenti**

1.24.3.3 **Sitwazzjoni tal-Knis fil-Lokalita`**

Wara l-aħħar laqgħa, il-Kunsill unanimament kien qabel li toħroġ is-sejħa għall-kwotazzjoni mingħajr dewmien. Fid-dawl tas-sitwazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li s-sejħa ġiet ippublikata fil-gazzetta tal-Gvern nhar il-Ġimgħa 26 ta' Jannar 2024 u għalqet nhar il-Ġimgħa 9 ta' Frar 2024.

Fid-9 ta' Frar 2024, il-Bord tal-Evalwaturi evalwa l-offerti u bagħat il-lista tal-fornituri kif ġew klassifikati.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab laqgħa b'urġenza għall-15 ta' Frar 2024 sabiex jiddiskuti ir-riżultat li bagħat il-Bord tal-Evalwaturi fejn ġie nnutat li x-xogħol tal-knis ser ikun maqsum bejn żewġ kuntratturi peress li żewġ fornituri provdew l-istess prezz. Il-Kunsill unanimament qabel mar-riżultat u għandu jiġi ppublikat ir-riżultat (kopja tal-evalwazzjoni anness u mmarkata bħala Dok A.

1.24.4.1 **Applikazzjoni Numru PA/03545/23**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi kien hemm aġġornament fil-pjanti tal-applikazzjoni numru PA/03545/23 fejn l-iżvilupp jinsab biswit il-KniSa tal-Kalkara. It-tibdil fl-applikazzjoni jitratta it-tħawwil ta' pjanti u tibdil fil-livelli u qissien tal-pjanti (site plan) (kopja tal-applikazzjoni u pjanti annessi u mmarkati bħala Dok B).

1.24.3.4 **Attivita` l-Għodwa taċ-Ċitru**

Is-Sindku nforma l-Kunsillieri illi għat-tielet sena konsekuttiva, l-attivita` l-Għodwa taċ-Ċitru li saret nhar il-Ħadd 21 ta' Jannar 2024 ġewwa l-ġonna tal-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini fi Triq Santa Liberta, Kalkara kienet suċċess. L-attendenza għal din l-attivita` kienet numeruża aktar mis-sena ta' qabel.

1.24.4.5 **Kalkara Fun Walk**

Nhar il-Ħadd 18 ta' Frar 2024, ittellgħet it-tieni edizzjoni tal-Kalkara Fun Walk. Fil-ġranet li ġejjin, is-Sindku ser jagħti rendikont tas-somma li nġabret lill-kunsilliera. Is-Sindku ser jiftiehem mal-Gwardjan tal-KniSa tal-Kappuċċini sabiex jippreżenta s-somma miġbura.

1.24.5.1 **Fondi LESA**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi l-LESA reġgħet ħarġet skema għall-Kunsill Lokali biex japplikaw għall-fondi mmirati fuq proġetti ta' restaur ta' monumenti, siġurta` fil-lokalita` jew proġetti li jistgħu jibbenefikaw minnhom iċ-ċittadini ġewwa l-lokalita` tal-Kalkara.

Is-Sindku fakkar li fl-aħħar skema, il-Kunsill Lokali ibbenefika minn fondi li bihom inxtara van li jaħdem bl-elettriku. Din il-vettura qegħda tintuża sabiex toffri servizz ta' trasport lill-anzjani tal-lokalita`.

Wara li l-Kunsill ħa nota taż-żewġ suġġerimenti tas-Sa Maria Sultana fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, il-Kunsill qabel li l-applikazzjoni tiġi sottomessa għat-tisbieħ tat-Trejqet iċ-Ċimiterju minflokk l-*outdoor gym*. L-applikazzjoni ġiet sottomessa fis-16 ta' Frar 2024 għall-evalwazzjoni minn Bord maħur għal dan il-għan. Kopja tal-applikazzjoni annessa u mmarkata bħala Dok C.

**4.24.4 <u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

4.24.4.1 **Devoluzzjoni tax-Xelter li jinsab f'Taraġ San Ġużepp**

Matul ix-xahar ta' Jannar 2024, l-Onor. Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi, Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali u s-Sa Alison Zerafa Civelli, is-Segretarju Parliamentari għall-Gvern Lokali nedew skema li fiha tiffaċilita` d-devoluzzjoni tal-artijiet tal-Gvern lill-Kunsilli Lokali. Il-benefiċċju ta' din l-iskema huwa li l-Kunsilli Lokali ser jiġu offruti tnaqqis ta' rati fil-kirjiet ta' artijiet u postijiet pubbliċi sa massimu ta' €500 kirja fis-sena.

F'Novembru 2022, il-Kunsill flimkien ma' Assoċazzjoni Wirt il-Kalkara iddentifikaw x-Xelter li jinsab fit-Taraġ San Ġużepp li għandu jiġi restawrat dan ix-xelter. Kien għalhekk waqt laqgħa tal-Kunsill kien ġie maqbul li l-ewwel issir id-devoluzzjoni tiegħu u wara jibda l-proċess sabiex jiġu ddentifikati fondi għar-restawr tiegħu.

Madanakollu, qabel ma ħarġet l-iskema, il-Kunsill kien iċċekja mal-Awtorita`

tal-Artijiet fejn ġie nfurmat mill-istess Awtorita` li l-kirja kienet ser tkun għolja ħafna. Konsegentament, il-Kunsill kien iddeċieda li l-proċess tad-devoluzzjoni kellu jiġi temporanjament mwaqqaf.

B'din l-iskema li għadha kemm ġie mnedija, il-Kunsill unanimament qabel li jipproċedi bil-pjan li kien ġie maqbul sabiex jibda l-proċess ta' devoluzzjoni sabiex jibda jamministra dan ix-xelter.

4.24.4.2 **Il-Proġett fi Triq ix-Xewkija u ż-Żona tax-Xewkija, Kalkara**

Is-Sindku informa l-Kunsilliera dwar il-laqgħat li kellu mal-entitajiet responsabbli għall-proġett tal-Xatt tal-Kalkara. Il-proġett jinsab fi stadju avvanzat kif ukoll ġiet diskussa l-aħħar fażi ta' tisbiħ fi Triq ix-Xewkija u ż-Żona tax-Xewkija, il-Kalkara fejn jinżammu dgħajjes tas-sajd u bċejjeċ tal-baħar oħra. Ix-xogħolijiet jinkludu asfaltar, pavimentar, spazzji allokati għad-dgħajjes, kameras tas-sigurta`, servizzi ta' dawl u ilma.

Qabel jinbeda x-xogħol ta' tisbiħ, il-Kunsill Lokali qabel li tinħareġ bye-law bl-għan li jirregolarizza din ż-żona u għalhekk il-Kunsill ikun f'pożizzjoni li jorganizza u jammistra tajjeb il-parkeġġ eżistenti tad-dgħajjes tas-sajd u bċejjeċ tal-baħar oħra wara ssir ir-reġistrazzjoni u awtorizzati mill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ser jieħu parir leġali biex jiġi gwidat tajjeb għat-tfassil tal-bye-law li trid tiġi approvata mill-Justice Unit u sussegwentament Ministeru kkonċernat.

Is-Sindku spjega li Transport Malta infurmaw li f'din iż-żona hemm reġistrat 65 dgħajsa filwaqt li meta sar *survey* fl-istess sit , instab li kemm -il fuq minn 120 dgħajsa f'din iż-żona. Jidher li hemm bosta sidien tad-dgħajjes li poġġew d-dgħajsa mingħajr awtorizazzjoni u permess maħruġ mit-transport Malta.

Is-Sindku nfurma wkoll il-Kunsill illi l-Ġimgħa, 16 ta' Frar 2024, il-Clean Malta neħħew numru ta' oġġetti u dgħajjes li kienu mingħajr liċenzja, mitluqin u abbandunati tat-Transport Malta.

4.24.4.3 **Tabella dejn l-Iskola tal-Primarja**

Il-Community Police għamlu talba lill-Kunsill Lokali sabiex issir tabella ġdida bil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ ta' vetturi tat-trasport tal-iskejjel minn hdejn l-iskola tal-Primarja fi Triq Santa Filomena. Il-ħin tal-iskola għandu jkun kif indikat:

Xitwa: 7.45am sat-8.30am u mis-2.00pm sas-2.30pm
Sajf: 7.45am sat-8.30am u minn 11.45am sal-12.15pm

It-tabella jrid jkollha l-kliem '*Except for School Transport*'.

4.24.4.4 **Allowance dwar it-Trasport tal-Van tal-Kunsill**

Is-Sindku ressaq talba għall-allowance/remunerazzjoni ta' ħaddiem li jipprovdi s-servizz tat-trasport bil-van tal-Kunsill lill-anzjani. Il-Sindku spjega li dan il-ħaddiem ilu aktar minn sena jipprovdi dan is-servizz ġdida li ġie ntrodott matul is-sena 2023.

Fil-frattemp, is-Sindku għamel ftit riċerka ma' Kunsilli oħra sabiex jistabilixxi kif jitħallsu l-ħaddiema li joffru dan is-servizz. Żied jgħid illi ċertu Kunsilli jagħmlu *outsourcing* tas-servizz Permezz ta' *tender* u hemm oħrajn jagħtu allowance addizzjonali lill-ħaddiema tal-Kunsill stess.

Il-Kunsill iddiskuta l-aħjar għażliet li semma' is-Sindku. Is-Sa Speranza Chircop talbet li l-ħinijiet għal dan is-servizz jiġu estiżi. Is-Sa Maria Sultana faħħret għas-servizz li qiegħed jagħti dan il-ħaddiem. Filwaqt li s-Sindku ppropona li jkun hemm ħaddiem ieħor li jsuq il-van sabiex fl-assenza tal-ħaddiem kurrenti.

Il-Kunsill unanimament qabel li l-aħjar għażla hija li tingħata allowance ta' €100 fix-xahar.

4.24.4.5 **Nomina għal Premju Mara 2023/2024**

Mill-uffiċċju ta' Dr. Lydia Abela intbagħatet korrispondenza lill-Kunsill Lokali fejn ġie nfurmat illi fi ftit ġimgħat oħra pajjiżna, flimkien mal-komunita` globali, ser tkun qed tiġi ċċelebrata l-Jum Internazzjonali tal-Mara.

Għal rigward ta' din it-tema, Dr. Lydia Abela għażlet li tniedi għall-ewwel darba Premju Mara 2023/2024 u stiednet il-Kunsill Lokali kollha f'pajjiżna jinnominaw mara li permezz tas-sehem tagħha fis-soċjeta` wettqet differenza f'ħajjet ħaddieħor u ħalliet impatt pożittiv.

Sussegwentament, is-Sindku bagħat il-korrispondenza li rċieva mingħand is-Sa Dr. Lydia Abela lill-entitajiet u għaqdiet fil-Lokalita' tal-Kalkara sabiex jinnominaw mara, magħżula skont il-kriterji elekanti fl-applikazzjoni.

Il-Kunsill Lokali irċieva 12-il nomina sal-ġurnata tal-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsilliera Speranza Chircop kienet nominata u fl-ispirtu tal-imparzjalita`, is-Sa Chricop għażlet li toħroġ mil-laqgħa sabiex tiġi diskussa n-nomina tagħha. Wara li l-Kunsill iddiskuta u evalwa n-nominazzjonijiet kollha, ġiet magħżula Sa Miriam Lia bħala l-persuna nominata f'isem il-Kalkara. Sussegwentament, fit-tieni ġiet magħżula s-Sa Patricia Darmanin.

**4.24.5 <u>Korrispondenza</u>**

4.24.5.1 **Skemi għall-Attivitajiet Kulturali u Natalizzji**

Għal sena oħra, id-Direttorat tal-Gvern Lokali reġa' ħareġ l-iskemi għall-Attivitajiet Kulturali u Natalizji.

Il-Kunsill unanimament qabel li għat-tielet sena konsekuttiv ser japplika għall-iskema sabiex iġib fondi għal-Lejla Rnella.

**4.24.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

4.24.6.1 **Is-Sa Maria Sultana, Kunsilliera**

Is-Sa Sultana kkomunikat li llum 21 ta' Frar 2024 hija attendiet il-laqgħat tal-iSchool Council li ddiskutew l-Price Day tal-iskola Primarja skedata għal 15 ta' Marzu 2024. Żiedet tgħdi li waqt il-laqgħa reqset it-talba li l-istudent li ser jirċievi l-ktieb bħala ringrazzjament mill-Kunsill Lokali għandu jiġi magħżul mill-Kunsill stess.

Is-Sa Sultana nfurmat ukoll li il-Price Day tal-iskola Medja f'Bormla ser issir fit-23 ta' Marzu 2024.

4.24.6.2 **Is-Sa Speranza Chircop, Kunsilliera**

Is-SA Chircop tat rendikont tal-attivitajiet lill-anzjani li pjanata li ser ittella' matul ix-xahar ta' Marzu 2024.

**4.24.7 Punti Ġenerali**

4.24.7.1 **Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku**

Is-Sindku nfurma lill-Kunsill illi bħalissa qed tiġi msaħħa d-distribuzzjoni tad-dawl u għalhekk ġie nfurmat illi ser isir trenching tul it-telgħa tal-Espora u sa Triq Luigi Pisani. Żied jgħid illi x-Xatt ser jitlesta fil-ġranet li ġejjin għaliex ser jingħata t-tramac.

4.24.7.2 **Is-Sur Vince Bongailas, Viċi-Sindku**

Is-Sur Bongailas ressaq ilment dwar li ma kienx hemm dawl fi Triq Luiġi Pisani għalhekk ser jintbagħat ilment lil-Enemalta.

4.24.7.3 **Is-Sa Speranza Chircop, Kunsilliera**

Is-Sa Chircop talbet sabiex jitneħħa l-arblu li kien twaħħal temporanjament fil-parti tal-Housing Estate.

Is-Sa Chircop irċeviet talba sabiex jiżdied id-dawl fi Triq il-Ġenista

**4.24.8 Mistoqsijiet lis-Sindku**

Is-Sa Maria Sultana nnutat li l-għoli fl-iscrap yard fil-Kalkara qiegħed jkompli jiżdied.

Is-Sa Sultana rrapurtat illi hemm xi pjanti mejtin fi Triq Giuseppi Valerju Abela u talbet sabiex jitneħħew.

### 4.24.9 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm.

### 4.24.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sa Maria Sultana ssekondata mis-Sur Christopher Bruna, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (Dok D).

### 4.24.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

Is-seduta ntemmet fis-6.22pm in wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024, fl-4.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum ______________________________

| | |
|---|---|
| **Wayne Aquilina** | **Etienne Scicluna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |